QALA

Ref Nru: 2

Il-minuti tat-tieni laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 20 t' April 2012, fil-5:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti ta' l-ewwel laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti ta' l-ewwel laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Responsabilitajiet tal-Kunsillieri.**

3.1 Giet mqassma lill-membri kollha lista bir-responsabilitajiet tas-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku Clint Camilleri qara u ta spejgazzjoni ta' din il-lista. Wara dan il-Kunsill qabel maghha unanimament. Kopja ta' din il-lista giet annessa ma dawn il-minuti.

**4 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjoni 323**

4.1 Is-Sindku Clint Camilleri talab lil Kunsillier Paul Buttigieg sabiex jaghti spejga ta f'hiex kien wasal il-progett ta' l-EAFRD applikazzjoni 323 fejn kien qed isir il-bini ta' hitan tas-sajjieh fil-parti ta' fuq ta' 'Gnien il-Familja', fi Triq l-Imgarr, Qala. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ta spejgazzjoni.

QALA

## 5 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjoni 313

5.1 Is-Sindku Clint Camilleri talab lil Kunsillier Paul Buttigieg sabiex jaghti spejga ta f'hiex kien wasal dan il-progett. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ta spejgazzjoni. Is-Sindku Clint Camilleri ppropona li ghandhom jigu trasferti xi fondi ghat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li l-ewwel ghandha tinbghat ittra lil Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn jigi mitlub dan u jekk ir-risposta minghandhom tkun pozittiva, jigi nformat l-Arcipriet dwar dan.

## 6 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.

6.1 Is-Sindku semma li sar xi xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella izda x-xoghol waqaf peress li hemm problema dwar min ser jaghmel il-bankini ta' din l-istess triq. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinbghat ittra lill-Ministeru ghal Ghawdex fejn jigi mitlub jistghux dawn il-bankini jsiru min naha taghhom.

## 7 Stimi dwar *photographer, website manager* u *social networking manager* ghall-Kunsill.

7.1 Is-Sindku semma li ngabru xi stimi dwar *photographer, website manager* u *social networking manager* ghall-Kunsill.

7.2 Ghal *photographer* il-Kunsill ircieva zewg stimi wahda minghand Lorne Cremona li joqghod 69, Triq l-Imgarr, Qala u l-ohra minghand Frankie Ion Magro li joqghod 7, Triq il-Papa Piju XII, Qala. Il-Kunsill studja dawn iz-zewg stimi. Wara diskussjoni li hadet ftit fit-tul gie deciz li ghandha tittiehed decizjoni fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

7.3 Ghal *website manager* il-Kunsill ircieva stima minghand Lorne Cremona ta' 69, Triq l-Imgarr, Qala. Il-Kunsill iddiskuta din l-istima u qabel unanimament maghha.

7.4 Ghal *social networking manager* il-Kunsill ircieva stima minghand Jason Bonelli li joqghod 98, 'Desiderata', Triq l-Imgarr, Qala. Il-Kunsill iddiskuta din l-istima u qabel unanimament maghha.

## 8 Xiri ta' *whipper snipper.*

8.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jinxtara *whipper snipper* sabiex jinqata` l-haxix il-kbir li jkun hawn fil-lokalita`. Il-Kunsill iddiskuta dwar min ser ikun qed juza dan il-*whipper snipper*. Fl-ahhar gie deciz li jigi kkuntatjat il-kennies Anthony Cutajar dwar jekk huwa jaccettax li juzah.

QALA

## 9 Tabelli f'Hondoq ghas-Sajf u l-problema tal-grieden fl-*area* ta' madwar.

9.1 Il-Kunsill iddiskuta x'tabelli jistghu jsiru f'Hondoq ghas-Sajf. Il-Kunsill iddiskuta li ghandha jsir tabella sabiex ma jigux mifruxa *deckchairs* fuq il-moll. Gie diskuss li ma tistax isir tabella biex ma jikkampjawx peress li l-Kunsill m'ghandu ebda awtorita` fuq dan. Giet diskussa wkoll il-problema tal-grieden li jkun hemm. Gie deciz li ghandhom jigu kkuntatjati tas-sanita` dwar dan. Gie deciz ukoll li ghandu jsir ix-xoghol ta' manutenzjoni mehtieg fil-latrina pubblika li hemm f'din il-bajja.

## 10 Materji ohra

10.1 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li huwa attenda ghall-laqgha dwar il-hsejjes li saret ftit tal-gimghat ilu. Huwa semma li waqt din il-laqgha huwa semma l-problema li ghandu l-Kunsill dwar il-hsejjes tat-trakkijiet li jghaddu mill-lokalita` tal-Qala. Huwa semma li tkellem ma Joe Attard tal-GRTU dwar din il-problema fejn dan ssuggerixxa li ghandha jsir laqgha ta' konsultazzjoni mal-Kunsill.

10.2 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-2 ta' Settembru 2011 sal-20 t' April 2012 minn referenza numru 108/11 sa referenza numru 210/11 u minn referenza numru 01/12 sa referenza numru 59/12.

## 11 Korrispondenza.

11.1 Gew trattati *memo* u l-ittri li gejjien:

11.2 *Memo* 5/2012 mibghuta mid-Direttur ghall-Gvern Lokali Carmel Abela, dwar spezzjonijiet mill-MCCAA fuq il-*playgrounds* tal-Kunsilli Lokali. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill bhala risposta ghal din il-*memo*.

11.3 Ittra minghand Matthew Vella *Planning Officer* fl-MEPA dwar Skedar ta' Proprjeta`, fejn giet skedata l-Knisja Parrokkjali ta' San Guzepp u l-Immakulata Kuncizzjoni.

11.4 Ittra minghand Marthese Baldacchino mill-MEPA dwar *statement of funds* sa l-ahhar ta' Marzu 2012.

11.5 Ittra minghand Marthese Baldacchino mill-MEPA, fejn il-Kunsill gie informat li l-applikazzjoni li ssottomessa l-Kunsill sabiex jinghata fondi mill-*Urban Improvement Fund* ghal *playcentre* fi Gnien il-Familja giet approvatha.

11.6 Ittra mibghuta minn Alan Borg mill-MEPA fejn informa lil Kunsill li l-MEPA mhiex ser izomm it-10% *administration fee* li kienu ser jinzammu mill-*planning gains*, li hemm ghal Fortizza ta' Sant Antnin. Giet trattata wkoll kopja ta' ittra li Simone Mizzi minn Din l-Art Helwa bghatet lil Ian Stafrace u lil Alan Borg fil-MEPA dwar din il-materja.

11.7 Ittra mibghuta minn Marthese Debono *Administrative Assistant* fil-MEPA, dwar *notification of MEPA's Report* fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 7697/06.

11.8 Ittra mibghuta minn Philip Mifsud *Assistant Coordinator* mill-Ministeru ghal Ghawdex dwar *installation of electric vehicle charging points in your locality.* Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex tigi installatha din il-*point* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg skond is-*site plan* u r-ritratt li ntbghatu ma l-ittra.

11.9 Ittra mibghuta minn Ray Abela *Managing Director* tat-TCTC fejn ta' l-awguri lis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri eletti fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' l-10 ta' Marzu 2012 u dwar d-diversi korsijiet li huma joffru.

11.10 Ittra mibghuta minn Vanni Xuereb mill-MEUSAC fejn ta' l-awguri lis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri eletti fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' l-10 ta' Marzu 2012, kif ukoll dwar is-servizzi li huma joffru.

11.11 Ittra mibghuta minn dra Veronica E.L.J. Veen dwar assistenza li hija tista` toffri fil-progett tal-Muzew Folkloristiku fi Triq it-28 t'April 1688, kif ukoll is-sehem taghha fil-konferenza tal-*Qala International Folk Festival.*

11.12 *Script* fuq *Qala Walk.*

11.13 Ittra mibghuta minn Edward Bencini minn Bencini and Associates datata 3 ta' Frar 2012 dwar appelli numri PAB 814/11 u PAB 815/11 li saru fuq l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 rispettivament. Giet trattata wkoll ittra mibghuta minn Dr Lino Bianco dwar ir-risposti tal-MEPA fuq dawn l-istess appelli.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju 2012.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |